



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 136/25

il-Lussemburgu, 11 ta' Novembru 2025

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-19/23 | Id-Danimarka vs Il-Parlament u Il-Kunsill (Pagi minimi adegwati)

Il-Qorti tikkonferma l-validità ta' parti kbira mid-Direttiva dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea

Madankollu, hija tannulla d-dispożizzjoni li telenka l-kriterji li għandhom jitqiesu b'mod obligatorju mill-Istati Membri fejn jeżistu pagi minimi statutorji meta jiġu ffissati u aġġornati dawn il-pagi, kif ukoll ir-regola li tipprevjeni t-tnaqqis ta' dawn il-pagi meta jkunu suġġetti għal indiċjar awtomatiku

Id-Danimarka ppreżentat rikors quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fejn talbet l-annullament sħiħ tad-Direttiva dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea. Hija tqis, fost l-oħrajn, li din id-direttiva tippreġudika t-tqassim tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri, peress li tinvolvi ndħil dirett fid-determinazzjoni tar-remunerazzjonijiet fi ħdan l-Unjoni u fid-dritt ta' assoċjazzjoni, li, skont it-Trattati, jaqgħu taħt il-kompetenza nazzjonali. Il-Qorti tal-Ġustizzja tagħti biss raġun parzjali lid-Danimarka. Hija tidentifika ndħil ta' dan it-tip f'żewġ dispożizzjonijiet tad-direttiva li huma indirizzati lill-Istati Membri fejn jeżistu pagi minimi statutorji u li jikkonċernaw l-iffissar jew l-aġġornament ta' dawn il-pagi minimi statutorji. Għall-kumpliment, il-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad ir-rikors tad-Danimarka, u b'hekk tikkonferma l-validità tal-parti l-kbira tad-direttiva inkwistjoni.

Fid-19 ta' Ottubru 2022, il-leġiżlatur tal-Unjoni, jiġifieri l-Parlament Ewropew u l-Kunsill, adotta d-Direttiva dwar il-pagi minimi fl-Unjoni Ewropea ¹. Bil-ħsieb li jittejjbu l-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol fl-Unjoni, din id-direttiva tistabbilixxi qafas biex, fost l-oħrajn, tiġi żgurata l-adegwatezza tal-pagi minimi statutorji fl-Istati Membri fejn dawn ikunu jeżistu, u biex jiġi promoss in-negozjar kollettiv dwar l-iffissar tal-pagi.

Id-Danimarka ² ressqet rikors quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja intiż għall-annullament sħiħ ³ ta' din id-direttiva.

Hija sostniet li d-direttiva kienet tinjora t-tqassim tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri, peress li kienet tinvolvi ndħil dirett fid-determinazzjoni tar-remunerazzjonijiet fi ħdan l-Unjoni u fid-dritt ta' assoċjazzjoni, oqsma li, skont it-Trattati ⁴, ma jaqgħux taħt il-kompetenzi tal-Unjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li **l-esklużjoni tal-kompetenza tal-Unjoni prevista mit-Trattati fiż-żewġ oqsma inkwistjoni ma testendix għal kull kwistjoni li għandha rabta kwalunkwe mar-remunerazzjoni jew mad-dritt ta' assoċjazzjoni**. Hija lanqas ma tkopri kull miżura li, fil-prattika, ikollha effetti jew riperkussjonijiet fuq il-livell tar-remunerazzjonijiet. Inkella, ċerti kompetenzi mogħtija lill-Unjoni biex issostni u tikkompleta l-azzjoni tal-Istati Membri fil-qasam tal-kundizzjonijiet tax-xogħol ⁵ jitilfu s-sustanza tagħhom. Għalhekk, **l-esklużjoni tal-kompetenza tapplika biss għall-ndħil dirett mid-dritt tal-Unjoni** fid-determinazzjoni ta' remunerazzjoni u fid-dritt ta' assoċjazzjoni.

Wara li eżaminat l-għan u l-kontenut tad-Direttiva, il-Qorti tal-Ġustizzja **tidentifika ndħil ta' dan it-tip f'żewġ każijiet speċifiċi biss**.

L-ewwel nett, id-Direttiva timponi, fuq l-Istati Membri fejn jeżistu pagi minimi statutorji kriterji ⁶, li jieħdu

inkunsiderazzjoni ċerti kriterji fil-proċeduri għall-iffissar u l-aġġornament ta' dawn il-pagi. B'dan il-mod, **id-Direttiva tinvolti armonizzazzjoni ta' parti mill-elementi li jikkostitwixxu l-pagi minimi statutorji, u għalhekk interferenza diretta fid-determinazzjoni tar-remunerazzjonijiet.**

It-tieni nett, l-istess japplika **għar-regola li tipprevjeni t-tnaqqis** tal-pagi minimi statutorji ⁷, meta l-liġi nazzjonali tipprevedi mekkaniżmu awtomatiku għall-indiċjar ta' dawn il-pagi.

Konsegwentement, **il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva li jinvolvu dan l-indħil dirett tad-dritt tal-Unjoni fid-determinazzjoni tar-remunerazzjonijiet** li, minħabba f'hekk, ma jaqgħux taħt il-kompetenzi leġiżlattivi tal-Unjoni. Hija tiċħad il-kumpliment tar-rikors tad-Danimarka.

B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li **d-Direttiva ma tinvolvix indħil dirett mid-dritt tal-Unjoni fid-dritt ta' assoċjazzjoni.** Hija tasal b'mod partikolari għal din il-konklużjoni f'dak li jirrigwarda d-dispożizzjoni tad-direttiva ddedikata għall-“promozzjoni ta' negozjar kollettiv dwar l-iffissar tal-pagi”, għar-raġuni, fost l-oħrajn, li din id-dispożizzjoni ma tobbligax lill-Istati Membri jimponu l-adeżjoni ta' numru ikbar ta' ħaddiema f'organizzazzjoni sindakali. Il-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad ukoll il-motiv tad-Danimarka li jgħid li d-Direttiva ġiet adottata fuq **bażi legali żbaljata** ⁸.

NOTA: Ir-rikors għal annullament huwa intiż sabiex jiġu annullati atti ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni li ma jkunux konformi mad-dritt tal-Unjoni. Taħt ċerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-individwi jistgħu jippreżentaw rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ġenerali. Jekk ir-rikors ikun fondat, l-att jiġi annullat. L-istituzzjoni kkonċernata għandha ssib rimedju għal lakuna ġuridika eventwali li tinħoloq bl-annullament tal-att.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u, fejn applikabbli, is-sunt](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq “[Europe by Satellite](#)” ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ [Direttiva \(UE\) 2022/2041](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea.

² Sostnuta mill-Isvezja.

³ Sussidjarjament, id-Danimarka talbet l-annullament tal-Artikolu 4(1)(d) u/jew tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva, relatati mal-promozzjoni ta' negozjar kollettiv għall-iffissar tal-pagi. Skont id-Danimarka, dawn ukoll jindahlha fil-kompetenzi tal-Istati Membri.

⁴ Artikolu 153(5) TFUE.

⁵ Skont l-Artikolu 153(1)(b) TFUE.

⁶ Skont l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva, dawn il-kriterji jinkludu tal-inqas il-kapaċità ta' akkwist tal-pagi minimi statutorji, fid-dawl tal-ispejjeż tal-ħajja, il-livell ġenerali u t-tqassim tal-pagi, ir-rati ta' żieda u l-livelli u l-evoluzzjoni tal-produttività nazzjonali fuq żmien twil.

⁷ Artikolu 5(3) tad-Direttiva.

⁸ Insostenn tar-rikors tiegħu għall-annullament tad-Direttiva fl-intier tagħha, id-Danimarka ssostni wkoll li, anki jekk l-għan tad-Direttiva jaqsa taħt il-kompetenza tal-Unjoni, hija tibbaża ruħha fuq bażi legali mhux xierqa. Peress li tirrigwarda wkoll ir-rappreżentanza u d-difiża kollettiva tal-interessi tal-ħaddiema u ta' min iħaddem, hija kellha tiġi adottata b'unanimità fil-Kunsill, meta fil-fatt ġiet adottata b'maġġoranza kkwalifikata.